MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA
# (KOMPETENZA KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2003

Rikors Numru. 25/2001/1

**Joseph u Josephine konjuġi CAMILLERI**

**vs**

**IL-KUMMISSARJU TAL-ARTIJIET, L-Awtorita' ta' l-Ippjanar, Il-Kunsill Lokali tan-Nadur, Il-Ministru għall-Ambjent, illum magħruf bħala Ministru tar-Riżorsi u Infrastruttura**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fis-16 ta' Ottubru, 2001, li bih ir-rikorrenti ippremettew:

1. Illi huma akkwistaw b'titolu ta' kompravendita mingħand il-Kurja Arċiveskovili tar-Rabat, Għawdex art fabbrikabbli fi Triq Bishop Coccoo Palmieri, n-Nadur Għawdex tal-kejl ta' 345 metri kwadri u tmiss mit-tramuntana, mil-lvant u mill-majjistral ma' proprjeta' tal-

Kurja ta' l-Isqof ta' Għawdex jew suċċessuri tiegħu kif murija fil-pjanta annessa bħala Dok. A;

2. Illi b'notifikazzjoni Nru: 443 pubblikata fil-gazzetta tal-Gvern tat-28 ta' Ġunju 1991 l-istess art ġie espropjata u ttieħdet għal "skopijiet pubbliċi";

3. Illi l-art espropjata aktar minn għaxar snin ilu ma saritx in realta għal skopijiet pubbliċi imma saret unikament minħabba l-kulur politiku tiegħu u sabiex jiġu vantaggjati terzi persuni li bnew fl-istess Triq Isqof Cocco Palmieri, fejn ġew anke vantaggjati bl-ispustament ta' l-alignment oriġinali;

4. Illi dejjem ingħad, u l-Kunsill Lokali tan-Nadur talab il-permessi ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar għal dan, sabiex isir belveder, meta ftit metri biss 'l bogħod mil-art proprjeta tar-rikorrenti, hemm wesgħet oħra li jservu ta' Belveder;

5. Illi kull min xtara l-art f'din it-triq, fuq iż-żewġ naħat tagħha, ingħata permess tal-bini u bena u l-rat tar-rikorrenti ittieħdet minħabba t-twemmin politiku tagħhom u sabiex jiġu vantaġġjati persuni ta' kulur politiku differenti minnu sabiex ma jsirx bini quddiemhom u jibqgħu igawdu l-veduta;

6. Illi f'għaxar snin sħaħ ma sar l-ebda progett fl-interess pubbliku u dan jikkonferma l-fatt ta' vantaġġi msemmi aktar 'l fuq għal xi sidien u residenti "preferuti";

7. Illi r-rikorrenti ma ingħataw l-ebda kumpens għall-espropjazzjoni ta' l-art tagħhom bi ksur sfaċċat tal-liġi;

8. Illi l-aġir ta' l-intimati jikser id-dispost ta' l-artikoli 37 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-artikolu 14 u 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drttijiet tal-Bniedem;

Talbu li din il-Qorti jogħġobha tiddikjara u tiddeċiedi li l-imsemmija art ittieħdet bi ksur tal-jeddijiet fondamentali

tal-esponenti b'mod partikolari dawk elenkati fl-artikoli 37 u 45 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta u tal-artikoli 14 u 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja Dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u għalhekk tiddikjara (li) l-istess esproprjazzjoni hija nulla u mingħajr effett legali, tordna li l-imsemmija art tingħata lura lill-esponenti u tordna wkoll li l-intimati jħallsu d-danni li jiġu likwidati mill-istess Qorti sofferti mill-esponenti kawża tal-aġir illegali u anti-Kostituzzjonali tagħhom, kif ukoll (li) tagħti dawk l-ordnijiet u direttivi li din il-Qorti jidhrilha xierqa;

Rat id-dokument mehmuż mar-Rikors;

Rat id-Degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-17 ta' Ottubru, 2001, li bih appuntat is-smigħ tar-Rikors għall-24 ta' Ottubru, 2001;

Rat it-Tweġiba mressqa fl-24 ta' Ottubru, 2001, li biha l-intimati Ministru tar-Riżorsi u Infrastruttura u l-Kummissarju tal-Artijiet eċċepew:

1. Illi l-esponenti ġew notifikati b'rikors Kostituzzjonali fl- ismijiet fuq ċitati fit-23 t'Ottubru 2001 bl-avviż tas-smiegħ għall-24 t'Ottubru 2001. Illi sabiex l-esponenti jottemporaw ruħhom u jippreżenta risposta mad-data tas-smiegħ tal-kawża, huma qed jippreżentaw din ir-risposta b'riserva għall-risposta ulterjuri;

2. Illi dak allegat fir-rikors promotur jikkostitwixxi sostanżjalment allegazzjoni ta' abbuż ta' poter illi hija azzjonabbli taħt l-Artikolu 469A (1) (b) (iii) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili illi jirrendi att amministrattiv annullabbli:

"meta l-egħmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa ta' l-awtorita' pubbika billi dan isir għal għanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti".

Illi għaldaqstant l-esponenti jissottomettu illi din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha taħt il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni u

taħt l-Att XIV tal-1987 dwar il-Konvenzjoni Ewropeja fit-termini tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 4(2) tal-Att XIV tal-1987 stante d-disponibilita' ta' mezzi oħra xierqa ta' rimedju;

3. Illi in kwantu jilmenta minn fatt li ġara aktar minn għaxar snin qabel ma ġiet intavolata din il-kawża, r-rikors promotur huwa frivolu u vessatorju kif jirriżulta mill-istess fatt tat-tardivita' palezi u għandu għaldaqstant jiġi respint bħala tali;

4. Illi in kwantu hija azzjoni għal danni u azzjoni bażata fuq allegat fatt illeċitu, l-azzjoni attriċi hija preskritta fit-termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili;

5. Illi kwantu hija bażata fuq l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni l-azzjoni hija ostata bid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni ukoll;

6. Illi l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrenti huma fi kwalunkwe każ infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti stante illi r-rikorrenti ma sofrew ebda trattament leżiv tal-Artikoli 37 u 45 tal-Kostituzzjoni jew 14 u Art. 1 tal-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja kuntrarjament għal dak allegat minnhom;

Rat il-verbali tas-smigħ tat-22 ta' Frar, 2002, u tal-20 ta' Mejju, 2002, li bihom il-Qorti kienet mgħarrfa li kienu qegħdin isiru trattativi bejn il-partijiet;

Rat is-Surroga datata ...... [1] li biha l-atti tar-Rikors ġew mgħoddija lil din il-Qorti kif presjeduta biex ikomplu jinstemgħu quddiemha;

Rat it-Tweġiba mressqa fis-17 ta' Jannar, 2003, li biha l-intimata Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar eċċepiet:

1. Illi preliminarjament, l-Awtorita' intimata m'hijiex il-leġittimu kontradittur fil-konfront tat-talbiet tar-rikorrenti

[1] Paġ. 21 tal-proċess

hekk kif dedotti, stante li l-istess Awtorita' m'hiijex u lanqas qatt ma kienet responsabbli mill-espropjazzjoni ta' l-artijiet, u għaldaqstant, stante li l-ilment tar-rikorrenti huwa bbażat fuq espropjazzjoni ta' art, it-talbiet fil-konfront ta' l-Awtorita' esponenti għandhom jiġu miċħuda;

2. Illi l-Awtorita' intimata ma ikkommettiet l-ebda diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrent;

3. Illi in vista tal-premess t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti;

Rat illi l-Kunsill Lokali intimat, notifikat kif imiss bl-atti tar-Rikors, bl-Avviż tas-Smigħ u bl-Avviż tar-Ri-appuntament ma ressaq l-ebda tweġiba u lanqas deher jew kien rappreżentat kull meta ssejjaħ ir-Rikors;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-intimata Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, dwar jekk kellhiex tkun imħarrka f'din il-kawża;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat id-Degrieti tagħha tal-20 ta' Mejju, 2003, u tal-25 ta' Settembru, 2003, li bihom ħalliet ir-Rikors għad-deċiżjoni dwar l-imsemmija eċċezzjoni;

***Ikkunsidrat:***

Illi bl-azzjoni tagħhom ir-rikorrenti miżżewġin Camilleri qegħdin jgħidu li ġarrbu ksur tal-jedd fundamentali tagħhom għat-tgawdija ħielsa tal-proprjeta' minħabba li art li huma kienu kisbu b'att pubbliku ttieħdet mingħandhom b'esproprju fl-1991. Ir-rikorrenti jgħidu li m'huwiex minnu li l-art tagħhom ittieħdet għal skopijiet pubbliċi, imma minħabba l-"kulur politiku" tagħhom. Jilmentaw li ma ngħataw l-ebda kumpens għall-esproprju u lanqas sar l-iżvilupp li kien ingħad li kellu jsir meta l-art ittieħdet mingħandhom. Ir-rikorrenti qegħdin jitolbu li jitħassar l-

Ordni tal-Esproprjazzjoni, li jingħataw lura l-art li tteħditilhom, u li jingħataw kumpens għad-danni li ġarrbu;

Illi l-intimati Ministru tar-Riżorsi u l-Infrastruttura u l-Kummissarju tal-Artijiet laqgħu billi qalu li din il-Qorti jmissha tieqaf milli twettaq is-setgħat tagħha billi r-rikorrenti kellhom rimedji oħrajn fil-liġi. Minbarra dan, huma jgħidu li l-azzjoni hija fiergħa u vessatorja;

Illi l-Awtorita' intimata laqgħet billi qalet li hija ma messha qatt ġiet imħarrka billi fl-ebda waqt ma kienet responsabbli tal-esproprjazzjoni, u lanqas qatt ikkommettiet xi diskriminazzjoni;

Illi din is-sentenza qegħda tingħata dwar jekk l-Awtorita' intimata hijiex il-leġittimu kontradittur tal-azzjoni tar-rikorrenti;

Illi jrid jingħad mill-ewwelnett li l-atti huma għal kollox sajmin minn provi dokumentali, għajr għal pjanta waħda mehmuża mar-Rikors. Madankollu, ma jidhirx li hemm kontestazzjoni għall-fatt li kienet inħareġ Ordni ta' Esproprjazzjoni mxandar fil-ħarġa tal-Gażżetta tal-Gvern tat-28 ta' Ġunju, 1991, notifikazzjoni numru 443;

Illi għalhekk, il-Qorti jkollha tasal għad-deċiżjoni tagħha fuq dak li l-partijiet issottomettew quddiemha fit-trattazzjoni dwar l-eċċezzjoni taħt eżami, u minn dak li tniżżel fir-Rikors promotur;

Illi l-Awtorita' intimata tagħmilha ċara li hija qatt ma ndaħlet fil-kwestjoni tat-teħid tal-art tar-rikorrenti. Hija tgħid li daħlet fix-xena biss meta l-Kunsill intimat ressaq applikazzjoni għall-isvilupp tal-inħawi li jinkludu l-art in kwestjoni. Hija ipproċessat l-applikazzjoni u tat il-permess. Minn dak il-waqt 'il quddiem, kull relazzjoni li hija seta' kellha mal-Kunsill intimat intemmet;

Illi, min-naħa tagħhom, ir-rikorrenti illimitaw irwieħhom biss biex jorbtu lill-Awtorita' intimata mat-talba tagħhom billi (waqt it-trattazzjoni) xlewha li hija issoktat tmexxi 'l quddiem l-applikazzjoni tal-Kunsill minkejja li kienu

oġġezzjonaw. Ma merew xejn minn dak li qalet l-Awtorita' intimata dwar in-nuqqas ta' sehem tagħha fit-teħid tal-art tagħhom;

Illi l-qofol tal-kwestjoni hu jekk l-Awtorita' intimata għandhiex postha f'din il-proċedura. Biex wieħed jasal isib tarf tal-kwestjoni wieħed irid jara x'qiegħed jintalab mir-rikorrenti. Dan jingħad b'aktar enfasi fil-każ preżenti, fejn il-proċedura li għażlu r-rikorrenti hija waħda meqjusa speċjali mil-liġi nnifisha. Il-mira waħdanija tagħhom hija t-tħassir tal-Ordni tal-Esproprjazzjoni u r-radd lura lilhom tal-art meħuda bis-saħħa ta' dak l-Ordni. L-ebda premessa u l-ebda talba ma tolqot għamil tal-Awtorita' intimata jew fiha xi xilja li torbot lil din l-Awtorita' ma' xi jedd li r-rikorrenti jgħidu li ġarrbu ksur tiegħu;

Illi l-ebda waħda mill-funzjonijiet mogħtijin mil-liġi lill-Awtorita' intimata ma taqa' taħt dawk vestiti fl-intimat Kummissarju tal-Artijiet, filwaqt li l-għoti ta' xi permess għal żvilupp li l-Awtorita' tista' tagħti fuq applikazzjoni li ssirilha huwa dejjem magħmul mingħajr ħsara għall-jeddijiet privati tat-terzi persuni milqutin b'tali permess;

Illi, fis-sewwa, jekk wieħed iqis dak kollu li qiegħed jintalab mir-rikorrenti u dak kollu li jista' jingħatalhom bħala rimedju li kieku t-talbiet tagħhom kellhom jiġu milqugħa, din il-Qorti jidhrilha li l-ebda ħaġa min dawn ma tista' tiġi ordnata minn jew kontra l-Awtorita' intimata eċċipjenti;

Jidher, għalhekk, li l-eċċezzjoni imqanqla minn dik l-Awtorita' għandha mis-sewwa u jmissha tintlaqa';

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni** tal-intimata Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, billi tiddikjara li m'hijiex il-kontradittriċi leġittima tal-prestensjonijiet tar-rikorrenti; u

**Teħles lill-istess Awtorita' intimata** milli tibqa' iżjed fil-kawża, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

**Moqrija**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------